20 ta' Lulju, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph La Rosa

**Estetika — Rimozzjoni ta' l-Invonvenjent — Sentenza — Appell — Penali — Art. 425 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Fost każijiet oħra, l-Attorney General jista' jappella minn sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati meta l-Maġistrat, wara li jkun semgħa u vvalja l-provi, ikun ta interpretazzjoni jew għamel enunċjazzjoni ħażina tal-liġi meta applikaha għall-fatti kif pruvati. Biex wieħed jara jekk is-sentenza hijiex appellabili fuq dan il-motiv, hija ħaġa essenzjali li wieħed iħares aktar lejn is-sustanza tas-sentenza milli lejn il-kliem tagħha.*

*Jekk wieħed jiġi kundannat b'sentenza biex ineħħi inkonvenjent fi żmien determinat, taħt penali għal kull ġurnata ta' ritard, u jiġi miġjub mill-ġdid quddiem il-Qorti biex iħallas il-penali għax ikun naqas milli jeżegwixxi dik is-sentenza, l-uniku motiv sostenibili għall-liberazzjoni tiegħu mill-akkuża l-ġdida hiia l-impossibilità assoluta, u mhux biss dik relativa, jew l-insuffiċjenza tal-mezzi minnu adoperati ħalli jeżegwixxi l-ordni lilu impost bis-sentenza preċedenti.*

*Fil-każ preżenti, dan il-prinċipju ġie applikat kontra l-imputat, li kien kundannat biex ineħħi avviż li kien żebagħ mal-ħajt mingħajr permess tal-Board ta' l-Estetika, u reġa' ġie mħarrek biex iħal-*

*las il-penali għax il-mezzi minnu adoperati biex ineħħi dak l-avviż ma kienux sufficjenti.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-Pulizija Eżekutiva preżentat kontra Joseph La Rosa, akkużat li naqas jobdi l-ordni lilu mogħti mill-Qorti Superjuri fis-7 ta' April 1951, billi naqas li jneħħi l-ittri "GeeCee" mill-ħajt tal-fabbrika tal-buttuni sat-22 ta' April 1951—żmien mogħti lilu taħt penali ta' £2 kull jum għal kull jum li l-kontravvenzjoni tissokta wara li jkun għalaq iż-żmien;

Rat ukoll it-talba illi l-akkużat jiġi kundannat għall-piena ta' £72, għal 36 ġurnata mit-23 ta' April sat-28 ta' Mejju 1951, salvi l-iskadenzi ulterjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta ta' l-14 ta' Ġunju 1951, li biha l-akkużat ġie liberat fuq il-motiv li rriżulta illi huwa kien ta istruzzjonijiet għal darba darbtejn sabiex jiżżebgħu l-kliem "Gee Cee", u dawn ġew miżbugħin, iżda baqgħu jidhru sakemm ġew imgħottija bl-injam;

Rat ir-rikors ta' l-Attorney General, li bih huwa nterpona appell lil din il-Qorti kontra s-sentenza fuq imsemmija, fuq il-motiv illi, skond il-ġurisprudenza antika u kostanti, f'każijiet simili l-uniku motiv sostenibili għall-liberazzjoni huwa l-impossibilità fiżika u assoluta u mhux dik relativa, jew l-insuffiċjenza tal-mezzi magħżula;

Semgħet lill-Avukat tal-Kuruna Dr. Maurice Caruana Curran u l-avukat ta' l-appellat;

Ikkunsidrat;

Illi skond ġurisprudenza kostanti, hemm lok ta' appell mill-Attorney General in bażi għal dak li jingħad fl-art. 425 (1) (b (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali, anki meta l-Maġistrat, wara li jkun semgħa u vvalja l-provi, ikun ta interpretazzjoni jew għamel enunċjazzjoni ħażina tal-liġi meta applikaha għall-fatti kif ġew pruvati, għaliex fil-fatt hemm dritt ta' l-appell fuq kwistjoni ta' liġi, u f'dan il-każ il-kwistjoni sollevata fl-appell hija in realtà kwistjoni ta' liġi; u biex wieħed jara jekk issentenza hijiex appellabili jew le skond ir-regoli ċitati, hija ħaġa essenzjali li wieħed iħares aktar lejn is-sustanza tas-sentenza milli lejn il-kliem tagħha;

Illi l-Attorney General jibbaża d-dritt tiegħu li jagħmel

dan l-appell appuntu l-għaliex l-Ewwel Qorti, fl-applikazzjoni tal-liġi għall-fatti pruvati, interpretat ħażin u għamlet enunċjazzjoni ħażina ta' l-istess liġi, meta rriteniet illi l-akkużat kellu skond il-liġi jiġi liberat ladarba huwa għatta biż-żebgħa l-kliem fuq indikati, avvolja baqgħu jidhru; u dan għaliex l-insuffiċjenza tal-mezzi adoperati mhux motiv ta' liberazzjoni;

Illi tabilħaqq l-insuffiċjenza tal-mezzi adoperati mhix motiv ta' liberazzjoni, u tikkostitwixxi interpretazzjoni ħażina tal-liġi u enunċjazzjoni falza tagħha li tagħti dritt għall-appell lill-Attorney General taħt l-art. 425 (1) (b) (iv) (i) tal-Kodiċi ċitat, kif ġà fuq spjegat, u għalhekk id-dritt għal dana l-appell ta' l-Attorney General għandu jiġi sostnut;

Ikkunsidrat fil-meritu;

Illi, kif sewwa ssottometta l-Attorney General fir-rikors ta' l-appell tiegħu, hija ġurisprudenza kostanti li f'każijiet bħal dawn l-uniku motiv sostenibili għall-liberazzjoni hija l-impossibilità fiżika u assoluta, u mhux biss dik relativa, jew l-insuffiċjenza tal-mezzi adoperati minn min kellu jeżegwixxi l-obligazzjoni ħalli jeżegwixxi l-istess obligazzjoni. Issa, fil-każ in ispeċje, jirriżulta ċar illi ma hemmx l-impossibilità fiżika u assoluta li l-kliem fuq imsemmi jiġi mneħħi jew imħassar; u jekk dak il-kliem baqa' jidher wara li ġie miżbugħ, kif jirriżulta li baqa', wisq jew ftit xejn ma jimporta, dana jfisser li l-mezz adoperat ma kienx effikaċi jew ma kienx suffiċjenti, u għalhekk ma jistax jiġi rettament ritenut skond il-liġi illi l-akkużat uniforma ruħu ma' l-imsemmi ordni li ġie lilu mogħti mill-Qorti;

Għaldaqstant tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddikjara illi l-imsemmi Joseph La Rosa ma uniformax ruħu mal-liġi skond l-ordni lilu mogħti mill-Qorti fuq imsemmija, u tikkundannah għall-ħlas tal-penali ammontanti komplessivament għas-somma ta' £72, kalkulata in bażi ta' £2 ammenda għal kull ġurnata li naqas li jobdi l-ordni fuq imsemmi, kif jingħad fl-istess sentenza fejn ġie mogħti dak l-ordni, billi huwa naqas jobdi dak l-istess ordni għal 36 ġurnata mit-23 ta' April 1951 sal-ġurnata li fih ġie spedit kontra tiegħu l-att taċ-ċitazzjoni. Salvi l-iskadenzi ta' wara.

---